**JUNIOR LYCEUM ANNUAL EXAMINATIONS 2003**
Educational Assessment Unit - Education Division

**FORM 2** **STORJA** **Ħin : siegħa u nofs**

Isem: ______________________ Klassi ______________________

A: **Immarka t-tajbin**:

1. Il-Konti Ruġġieru mexxa is- suldati Normanni li fl-1091 niżlu Malta u rebħu (lill-Biżantini, lill-Għarab, lill-Kavallieri, lit-Torok).
2. Il-mexxej ta' l-Għarab f'Malta kien jissejjaħ (Qadi, Normann, Farawni, Lhudi).
3. Fuq il-Ħaġra ta' Majmuna nsibu kitba (bit-Taljan, bl-Għarbi, bil-Ġermaniż, bil-Franċiż). Din il-kitba nqalbet għall-Malti minn (Sir Temi Żammit, Malaterra, Konti Normann, katapan).
4. Fil-Medju Evu, f'Malta kienu (jużaw l-iljunfanti għad-difiża, jibnu djar bil-konkos, jitrabbew il-falkuni għall-kaċċa, jużaw it-trawlers għas-sajd).
5. Is-Sultan (ta' Aragona, tan-Normandija, ta' Anġu`, ta' Milan) tana l-privileġġ tat-Tratte. Permezz ta' dal-privileġġ stajna nixtru l-qamħ bla ma nħallsu (dazju, ħaraġ, imgħax, income tax).
6. Il-Kap tad-Dejma fuq iż-żwiemel kien jissejjaħ (kavabuzz, kavallier, balliju, portulan) filwaqt li meta jintlemħu l-pirati ġejjin kienu jagħtu sinjal bin-nar imsejjaħ (ħuġġieġa, nafra, murtal, salut).
7. In-nies tas-snajja' għamlu (Fratellanzi, skejjel, vapuri, dejma) taħt il-ħarsien tal-Madonna jew xi qaddis biex jgħinu lil xulxin meta jkollom bżonn.

(10 marki)

B: **Poġġi dawn li ġejjin wara xulxin skond kif ġraw fl-istorja ta' Malta**:
(ikteb numru fil-kaxxi l-vojta)

| | |
|---|---|
| | Il-Konti Ruġġieru jasal Malta minn Sqallija u jirbaħ lill-Għarab |
| | It-Torok jitilfu l-Assedju l-Kbir u jitilqu minn Malta |
| | Malta taqa' f'idejn l-Anġuvini |
| | L-Aragoniżi jafdaw il-Gżejjer Maltin u Tripli f'idejn il-Kavallieri ta' San Ġwann |

(4 marki)

C: **Imla l-vojt bil-kliem mogħti**:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Vikingi | Kaptan tal-Virga | f'tinda | Anġuvin |
| Normandija | Kastell Sant Anġlu | mis-sultan | Komun |
| Aragoniżi | port | Kastellan | Muniċipju |

1. Fl-antik in-Normanni kienu jissejħu ____________________ . Dawn niżlu f'post fi Franza, għexu hemm u wara dal-post issejjaħ ____________________ .
2. Il-Konti Ruġġieru għamel ftehim ma' l-Għarab ____________________ .
3. Fil- ____________________ kienu joqogħdu madwar 150 suldat ____________________ . Dawn x'aktarx ma kinux hemm għad-difiża ta' Malta imma biex jgħinu lill- ____________________ iżomm kontroll.
4. L- ____________________ rebħu lill-Anġuvini wara battalja fil- ____________________ ta' Malta.
5. Il- ____________________ kien magħruf ukoll bħala l-Kunsill Popolari. Kien jiltaqa' fil- ____________________ fl-Imdina biex jiddiskuti affarijiet ta' nteress għall-poplu.
6. L-uffiċċjali għolja tal-gvern bħall-____________________ kienu jiffurmaw l-Universita` li kellha ħafna iktar setgħa mill-Kunsill Popolari. Dawn l-uffiċċjali kienu jinħatru direttament ____________________ .

(12-il marka)

D: **Qabbel billi tikteb numru fil-kaxxi l-vojta**: (l-ewwel waħda lesta)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Assiżi | Is-segretarju tal-Konti Ruġġieru | |
| 2 | Tributarji | ġabra ta' liġijiet miġbura minn fost ir-razez li kien jaħkem Ruġġieru II | 1 |
| 3 | Malaterra | Repubbliki fil-Mediterran li bnew flotot kbar għall-kummerċ | |
| 4. | Kyrie Eleison | Serq organizzat permezz tax-xwieni | |
| 5 | Anġuvini | Pirati, ħallelin tal-baħar | |
| 6 | Venezja, Pisa | iħallsu l-ħaraġ kull sena permezz tal-fidda | |
| 7 | Vespri Siciliani | Għajat li bih l-ilsiera Nsara laqgħu lill-Konti Ruġġieru | |
| 8 | Rabbi | irvell ta' l-Isqallin kontra l-ħakma ta' l-Anġuvini fuq Sqallija | |
| 9 | Sibi | Mexxej spiritwali tal-Lhud | |
| 10 | Vikingi | ħakkiema li ġew min-naħat ta' Franza u ħakmu Sqallija u Malta | |

(9 marki)

**E**: <u>IL-FEWDALIŻMU</u>:



WIEĠEB BILLI TAQTA' SING TAĦT IR-RISPOSTI T-TAJBIN JEW BILLI TIMLA L-VOJT:

1. Fil-Fewdaliżmu, is-sultan kien (jibni, jixtri, ibiegħ, jikri) l-Gżejjer Maltin għal ftit snin. (1)

2. It-tmexxija tal-Gżejjer Maltin kienet tkun f'idejn (is-Sid Fewdatarju, il-President, il-katapan). (1)

3. Tnejn minn dawn il-ħakkiema użaw is-Sistema Fewdali biex biha jmexxu l-Gżejjer Maltin? Aqta' sing taħthom.

| | | | |
|---|---|---|---|
| IR-RUMANI | L-ANĠUVINI | L-ARAGONIŻI | |
| IN-NEOLITIĊI | L-INGLIŻI | IL-FRANĊIŻI | (2) |

4. (a) Min kien Gonsalvo Monroy? ______________________________
______________________________________________________________ (1)

(b) X'għamlu l-Maltin meta dan mexa ħażin magħhom?
______________________________________________________________ (1)

(c) X'għamel is-Sultan ta' Aragona meta ġara hekk? ________________
______________________________________________________________ (2)

(d) X'kien ir-riżultat ta' din il-ġrajja? ______________________________
______________________________________________________________ (2)

(10 marki)

**F:** **<u>Wieġeb</u>:**

1. Semmi żewġ **POSTIJIET IFFORTIFIKATI** (imdawrin bis-swar) li kien hawn fil-Gżejjer Maltin fi żmien l-Aragoniżi:
   (a) ______________________ (b) __________________________ (2)

2. Semmi **LEĠĠENDA** marbuta mal-miġja tal-Konti Ruġġieru f'Malta.
   ______________________________________________ (1)

3. X'nitgħallmu dwar l-istorja ta' Malta mill-**Ħaġra ta' Majmuna**?
   ____________________________________________________________ (2)

4. L-Isqof Ġilbertu żar Malta fl-1240. Huwa għamel **RAPPORT**. Semmi xi ħaġa importanti li qal f'dan ir-rapport.
   ____________________________________________________________ (2)

5.



Liema minn dawn li ġejjin kellhom sehem fir-**RINAXXIMENT** li seħħ fil-Medju Evu? Għandek issib **tlieta**. Aqta' sing taħthom.

San Tumas, Malaterra, il-Konti Ruġġieru, Ġulju Ċesri, Leonardo da Vinci, Dante Alighieri, ir-re Ġorġ, Hannibal. (3)

6.



Fil-Medju Evu, vjaġġaturi u esploraturi fetħu toroq ġodda għall-kummerċ.
Sib **sitta** minnhom hawn isfel:

7. Marco Polo, Temi Żammit, Kristofru Kolombu, Diaz, Hitler, Vasco da Gama, Amerigo Vespucci, Magellan, Ruġġieru II, Teodozju, Kostantinu, , Federiku II, Ġilbertu, Imperatur Karlu l-Kbir, Monroy, Mussolini (6)

7. Semmi prodott tal-biedja li kien jitkabbar/jinħadem fil-Medju Evu.
   ______________________________________________ (1)

(17-il marka)

G: **<u>IL-KAVALLIERI TA' SAN ĠWANN – L-EWWEL SNIN TAGĦHOM F'MALTA U L-ASSEDJU L-KBIR</u>**:

*Waqt li qed taqra dan li ġej wieġeb il-mistoqsijiet jew imla l-vojt skond kif indikat*:





*Ir-Re Karlu V iffirma ftehim li bih l-Aragoniżi taw il-Gżejjer Maltin u l-belt ta' Tripli lill-Kavallieri ta' San Ġwann. Il-Kavallieri waslu Malta fl-1530.*

1. Kif bdew il- **IL-KAVALLIERI TA' SAN ĠWANN**:

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________(2)

2. F'liema gżira Mediterranja kienu l-Kavallieri qabel ġew Malta? _________ (1)

3. Min kien l-ewwel Granmastru f'Malta? ______________________________ (1)

*Il-Kavallieri ma xtaqux jibqgħu Malta fit-tul. Riedu lis-slaten Ewropej jgħinuhom biex jerġgħu jmorru minn fejn ġew.*

4. Semmi xi ħaġa li ma għoġbitx lill-Kavallieri meta dawn ġew Malta:

_______________________________________________________ (1)

5. Liema kienet il-belt ewlenija ta' Malta qabel ġew il-Kavallieri?

_____________________________________________ (1)

6. (a) Meta ġew Malta, fejn marru joqogħdu l-Kavallieri għall-ewwel?

_______________________________ (1)

(b) Għaliex għażlu li joqogħdu hawn u mhux fil-belt kapitali l-antika?

_______________________________________________________(1)

(c) Semmi bini wieħed li bnew hemmhekk:

_______________________________ (1)

(d) Kif nistgħu nieħdu ħsieb aħjar bini bħal dan?

__________________________________________________ (1)

*L-għedewwa kbar tal-kavallieri kienu t-Torok Ottomani. It-Torok kienu ġa keċċew lill-kavallieri minn diversi postijiet fejn kienu qabel ġew Malta. La darba bażati f'Malta, il-kavallieri bdew ifixklu l-kummerċ tat-Torok fuq il-baħar. Allura fl-1551 u fl-1565 ippruvaw ikeċċu lill-kavallieri minn Malta. Iż-żewġ attakki tat-Torok, it-tnejn fallew.*

7. *Fl-1551 armata Torka attakkat il-Gżejjer Maltin u Tripli. Il-kavallieri tilfu Tripli imma Malta ma ċedietx.*

(a) Min mexxa l-armata Torka fl-attakk ta' l-1551? __________________ (1)

(b) Għal xiex baqa' magħruf l-aktar l-attakk Tork ta' l-1551 fuq il-Gżejjer Maltin?

__________________________________________________________ (1)

8. *Wara dan l-attakk il-kavallieri iffortifikaw id-dawra tal-portijiet.* Fuq il-mappa immarka mill-inqas tnejn (2) mill-fortifikazzjonijiet li bnew il-kavallieri qabel l-1565.




(2 marki)



Il-waqa' ta' Sant Iermu

9. (a) Kif baqa' magħruf l-attakk tat-Torok fuq Malta ta' l-1565?

________________________(1)

(b) Min mexxa lill-Maltin u lill-Kavallieri?

________________________(1)

(c) Semmi mqar wieħed mill-mexxejja li kellhom it-Torok.

________________________(1)

(d) Matul il-ġlied kollu, it-Torok irnexxielhom jirbħu forti wieħed biss. X'kien jismu l-forti li waqa' f'idejn it-Torok? ________________________ (1)



10. (a) Kif inhu magħruf il-monument li qed tara fl-istampa?

________________________ (1)

(b) Fejn nistgħu narawh?

________________________ (1)

(c) Liema festa nazzjonali tfakkarna f'dil-ġrajja?

________________________ (1)

11. Semmi sors primarju li għandu x'jaqsam mal-kavallieri f'Malta.

________________________________________ (2)

(23 marka)

## H: **<u>Ikteb dwar WIEĦED minn dawn is-suġġetti</u>**:

*Ftakar li l-punti qegħdin hemm biex jgħinuk. Tista' tużahom, u tista' ma tużahomx.*

1. Kif kienu jiddefendu ruħhom mill-pirati u l-ħallelin tal-baħar il-Maltin fil-MEDJU EVU? Semmi d-dejma, ikteb dwarha u semmi xi ġrajja li fiha l-pirati għamlu ħerba mill-Gżejjer Maltin.

2. Fil-MEDJU EVU ftit tfal kienu jitgħallmu l-iskola. Immaġina li inti qed tgħix f'dawk iż-żminijiet. Tixtieq ħafna titgħallem l-iskola. Għid għalfejn ridt titgħallem l-iskola, kif stajt tagħmel dan u semmi xi diffikultajiet li żgur tiltaqa' magħhom. Semmi kif beda t-tagħlim f'Malta.

3. Ikteb dwar XI ŻJARA F' POST STORIKU li għamilt jew ma' l-għalliem jew mal-ġenituri tiegħek. Dal-post storiku irid ikollu x'jaqsam ma' dak li tgħallimt Form 2. Fost affarijiet oħra ikteb kif nistgħu nibżgħu għal dan il-post u għaliex għandna nibżgħu għalih.

4. Għid kif kienet titmexxa Malta taħt l-Aragoniżi.

______________________________________________________________________

(15-il marka)